



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0469/2013**

19.12.2013

# RAPPORT

dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Lara Comi  
(2013/2190(IMM))

Komitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Eva Lichtenberger

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	5
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	8

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Lara Comi (2013/2190(IMM))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-talba tat-30 ta' Lulju 2013 ta' Lara Comi għall-ħarsien tal-immunità fir-rigward tal-proċedimenti ġudizzjarji pendenti quddiem il-Qorti ta' Ferrara, u mħabbra fis-seduta plenarja fid-9 ta' Settembru 2013,
  - wara li sema' lil Lara Comi fit-5 ta' Novembru 2013 skont it-termini tal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,
  - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, ta-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011,<sup>1</sup>
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0469/2013),
- A. billi Lara Comi, Membru tal-Parlament Ewropew, talbet il-ħarsien tal-immunità parlamentari tagħha fir-rigward ta' proċedimenti ġudizzjarji mnedija mill-Prosekutur Pubbliku ta' Ferrara b'segwitu ta' akkuża ta' malafama aggravata miġjuba skont l-Artikolu 595(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali Taljan u l-Artikolu 30 tal-Liġi 223 tas-6 ta' Awwissu 1990, għad-dikjarazzjonijiet li allegatament għamlet waqt xandira ta' dibattitu politiku fuq it-televiżjoni;
- B. billi l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, li Lara Comi qed tinvoka espressament fit-talba tagħha għall-ħarsien tal-immunità, jiddisponi li l-Membri tal-Parlament Ewropew ma jistgħux jiġu mfittxija, miżmuma jew persegwiti minħabba l-fehmiet espressi jew il-voti mitfugħa fil-qadi ta' dmirijiethom;
- C. billi l-Artikolu 6 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jiddisponi li fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu qabel kollox iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom;
- D. billi l-Parlament jiddisponi minn setgħat ta' diskrezzjoni wesgħin fir-rigward il-linja ta'

<sup>1</sup> Kawża 101/63 *Wagner v. Fohrmann e Krier* [1964] Ġabra 195, Kawża 149/85 *Wybot v. Faure* u oħrajn [1986] Ġabra 2391, Kawża T-345/05 *Mote v. il-Parlament* [2008] Ġabra II-2849, Kawżi konġunti C-200/07 u C-201/07 *Marra v. De Gregorio u Clemente* [2008] Ġabra I-7929, Kawża T - 42/06 *Gollnisch v. il-Parlament* [2010] Ġabra II- 01135 u Kawża C-163/10 *Patriciello* [2011] Ġabra I - 07565.

azzjoni li jagħżel li jadotta bi tweġiba għal talba għall-ħarsien tal-immunità parlamentari ta' wieħed mill-Membri tiegħu<sup>1</sup>;

- E. billi l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dikjarazzjoni magħmula minn Membri barra mill-Parlament Ewropew tista' tikkostitwixxi opinjoni espressa fil-qadi tad-dmirijiet tal-Membru fit-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll, u tat rilevanza mhux għall-post fejn tkun ġiet magħmula d-dikjarazzjoni, iżda għan-natura u l-kontenut tagħha<sup>2</sup>;
  - F. billi Lara Comi kienet mistiedna fix-xandira televiżiva inkwistjoni fil-kapaċità tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew u mhux bħala rappreżentanta nazzjonali ta' partit, li kien diġà rappreżentat minn mistieden ieħor, bi qbil mad-dispożizzjonijiet nazzjonali maħsuba biex jiggarrantixxu preżenza ekwilibrata ta' kelliema politiċi fid-dibattiti televiżivi li jitwettqu waqt il-kampanji elettorali, kif inhu l-każ inkwistjoni;
  - G. billi fid-demokrazzi modernni d-dibattitu politiku ma jsirx biss fil-Parlament iżda wkoll permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni li jvarjaw minn stqarrijiet għall-istampa sal-internet,
  - H. billi fix-xandira televiżiva inkwistjoni Lara Comi tkellmet bħala Membru tal-Parlament Ewropew biex tiddiskuti kwistjonijiet politiċi, inkluż dwar l-akkwist pubbliku u l-kriminalità organizzata, li dwarhom hija dejjem ħadet interess fil-livell Ewropew;
  - I. billi l-għada stess, is-Sa. Comi bagħtet l-apoloġiji tagħha lill-ilmentatur, li wara ġew imtennija f'xandira televiżiva nazzjonali oħra;
1. Jiddeċiedi li jħares il-privileġġi u l-immunità ta' Lara Comi;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Taljana u lil Lara Comi.

---

<sup>1</sup> Kawża T-42/06, *Gollnisch v. il-Parlament*, paragrafu 101

<sup>2</sup> *Patriciello*, sentenza ċitata, paragrafu 30.

## NOTA SPJEGATTIVA

### 1. L-isfond

Fis-seduta plenarja tad-9 ta' Settembru 2013, il-President ħabbar, skont l-Artikolu 6(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, li kien irċieva talba mingħand Lara Comi għall-ħarsien tal-immunità parlamentari tagħha, b'riferenza għall-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea. Il-President għadda t-talba lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali skont l-Artikolu 6(3) tar-Regoli tal-Proċedura. Is-Sa. Comi eżerċitat id-dritt tagħha li tkun mismugħa mill-kumitat fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2013.

Waqt ix-xandira televiżiva "Servizio pubblico" tal-24 ta' Jannar 2013, Lara Comi ddibattiet ma' Antonio Ingroia, mexxej ta' partit politiku, dwar temi li kellhom x'jaqsmu mal-akkwist pubbliku u l-kriminalità organizzata fir-rigward tal-falliment tal-Coopcostruzioni. F'dan il-kuntest, tqajmet taħdita dwar Roberto Soffritti, l-ex-sindku ta' Ferrara u kandidat fl-elezzjonijiet politiċi nazzjonali Taljani ta' Frar 2013 fuq il-lista tal-partit ta' Antonio Ingroia.

Is-Sur Soffritti jsostni li d-dikjarazzjonijiet magħmula fir-rigward tiegħu minn Lara Comi waqt id-dibattitu inkwistjoni kienu ta' ħsara għar-reputazzjoni tiegħu u, għaldaqstant, fetaħ kawża għal malafama aggravata kif imsemmi fl-Artikolu 595(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali Taljan u l-Artikolu 30 tal-Liġi 223 tas-6 ta' Awwissu 1990.

Min-naħa tagħha, is-Sa. Comi ssostni li hija tkellmet fil-kapaċità tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew u li tkellmet dwar akkwisti pubbliċi, li hija tema ta' interess pubbliku u li dwarha s-Sa. Comi dejjem interessat ruħha fl-ambitu tal-ħidma tagħha fil-Parlament Ewropew.

### 2. Liġi u proċeduri li jikkonċernaw l-immunità tad-deputati tal-Parlament Ewropew

L-Artikolu 8 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jgħid kif ġej:

#### *Artikolu 8*

*Il-Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.*

Il-proċedura fi ħdan il-Parlament Ewropew hija rregolata mill-Artikoli 6 u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma dawn:

#### *Artikolu 6 - Tneħħija tal-immunità*

*1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu qabel kollox iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea legiſlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom. (...)*

3. Kull talba indirizzata lill-President minn Membru jew ex-Membru biex jiddefendi privileġġi u immunitajiet għandha tiġi mħabbra fil-Parlament u rriferuta lill-kumitat responsabbli.

4. F'każ ta' urġenza, f'ċirkustanzi fejn Membru jiġi arrestat jew fejn tinżamm il-libertà ta' moviment tiegħu bi ksur apparenti tal-privileġġi u l-immunitajiet tiegħu, il-President, wara li jkun ħa l-parir tal-president u tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jista' jieħu inizzjattiva biex jikkonferma l-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru kkonċernat. Il-President għandu jinnotifika lill-kumitat b'dik l-inizzjattiva u jgħarraf lill-Parlament.

#### Artikolu 7 - Proċeduri dwar l-immunità

1. Il-kumitat responsabbli għandu jikkunsidra mingħajr dewmien u skond l-ordni li fih tressqu t-talbiet għat-tneħħija ta' l-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien ta' l-immunità u tal-privileġġi.

2. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni motivata li tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija ta' l-immunità jew għall-ħarsien ta' l-immunità u tal-privileġġi.

3. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema', jista' jippreżenta dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn membru ieħor. (...)

6. F'każi li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-immunità jew tal-privileġġi, il-kumitat għandu jiddikjara jekk iċ-ċirkustanzi jkunux jikkostitwixxu xkiel amministrattiv jew xkiel ieħor mqiegħed għall-moviment ħieles tal-Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-postijiet fejn jiltaqa' l-Parlament jew opinjoni espressa jew vot mitfugħ fit-twettiq tal-mandat jew li jaqgħu fi ħdan l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar Privileġġi u Immunitajiet li ma jidħlux fl-ambitu tal-liġi nazzjonali, u għandu jagħmel proposta sabiex l-awtorità kkonċernata tiġi mistiedna tasal għall-konklużjonijiet meħtieġa.

7. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza ta' l-awtorità in kwistjoni u dwar l-ammissibilità tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lilu jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ. (...)

### 3. Il-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni proposta

L-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea ġie invokat espressament mis-Sa. Lara Comi fit-talba tagħha.

Kif sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ambitu tal-applikazzjoni tal-immunità assoluta skont l-

Artikolu 8 għandu jiġi ddeterminat biss skont id-dritt Komunitarju<sup>1</sup>. Il-Qorti, barra minn hekk, riċentement qatgħetha li dikjarazzjoni magħmula minn Membru tal-Parlament Ewropew barra mill-Parlament Ewropew, li wasslet għal proċedimenti ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-oriġini tal-Membru għal reati ta' opinjoni, tikkostitwixxi opinjoni espressa minnu fit-twettiq tal-ħidma parlamentari tiegħu li hija koperta bl-immunità jekk din tikkorrispondi għal valutazzjoni suġġettiva li turi rabta diretta u evidenti mat-twettiq ta' dmirijietu<sup>2</sup>.

Il-prinċipju li fuqu hija bbażata l-immunità parlamentari skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll hija l-libertà tal-Membri li jiddabattu temi ta' interess pubbliku mingħajr ma jkunu obbligati li jsawru l-opinjoni tagħhom b'mod li jkunu aċċettabbli jew li ma jkunux offensivi għal min qed jismagħhom u mingħajr il-biża, f'każ kuntrarju, li jiġu mfittxija fil-qrati<sup>3</sup>. Inevitabilment, kultant xi ħadd jista' jqis l-opinjoni espressi minn xi Membru tal-Parlament Ewropew bħala eċċessivi, irritanti jew offensivi. Minkejja dan, f'kuntesset liberali u demokratiku, tant huwa importanti li jkun hemm dialogu mingħajr inibizzjonijiet dwar temi pubbliċi li, bħala prinċipju, anki l-opinjoni offensivi jew estremi m'għandhom jiġu mfixkla. Dan huwa partikularment il-każ għall-Membri tal-Parlament, li, fin-natura tad-dmirijietom, iwettqu rwol ċentrali fis-sistema tad-demokrazija rappreżentattiva.

Il-loġika li ssostni din il-pożizzjoni tinsab fil-ġuristika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li estendiet il-ħarsien tad-diskors politiku anki għal diskorsi offensivi jew insolenti, li sikwit ikollhom "kapaċità unika li jiffukaw l-attenzjoni, li jżarmaw il-prekunċetti u li jolqtu lill-pubbliku billi jippreżentawhom aspetti mhux komuni tal-ħajja"<sup>4</sup>.

Għaldaqstant, l-Artikolu 8 tal-Protokoll għandu jiġi interpretat b'mod li jinkludi mhux biss dikjarazzjonijiet ta' opinjoni u ġudizzji ta' valur dwar temi ta' interess pubbliku u/jew rilevanza politika, iżda wkoll dikjarazzjonijiet li, minħabba l-kontenut tagħhom jew il-mod kif jiġu magħmula, jistgħu jirritaw jew joffendu lill-pubbliku inġenerali jew lil individwi li lilhom ikunu indirizzati direttament jew indirettament jekk dawk id-dikjarazzjonijiet ikunu marbuta b'mod funzjonali mat-twettiq tad-dmirijiet parlamentari.

F'dan il-kuntest, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jqis li l-fatti tal-każ, kif muri mill-akkuża formali u mis-smiġħ ta' Lara Comi, juru li d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Membru mhux biss jirrigwardaw temi ta' interess pubbliku ġenwin – l-akkwist pubbliku u l-kriminalità organizzata – iżda kienu marbutin direttament u b'mod evidenti mat-twettiq tad-dmirijiet bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Għandhom jitqiesu wkoll l-apoloġiji personali li minnufih għamlet is-Sa. Comi fir-rigward tal-ilmentatur, li sussegwentement ġew imtennija f'xandira televiżiva nazzjonali oħra.

#### **4. Konklużjoni**

Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet t'hawn fuq, u b'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regoli ta' Proċedura, wara li kkunsidra r-raġunijiet favur u kontra l-ħarsien tal-immunità tal-Membru, il-

<sup>1</sup> *Marra*, sentenza ċitata, paragrafu 26.

<sup>2</sup> *Patriciello*, sentenza ċitata, paragrafu 41.

<sup>3</sup> Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenza tagħha fil-Kawża A.v. Ir-Renju Unit, n. 35373/97, §75, *Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 2002-X*.

<sup>4</sup> R.Post, *Constitutional Domains: Democracy, Community, Management*, Harvard University Press, 1995, p. 139.

Kumitat għall-Affarijiet Legali jirrakkomanda li l-Parlament Ewropew iħares l-immunità u l-privileġġi ta' Lara Comi.



## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.12.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 12 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Klaus-Heiner Lehne, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, Rainer Wieland, Tadeusz Zwiefka
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eva Lichtenberger
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Antonio Cancian